REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/431

tat-18 ta' Marzu 2019

li jemenda għall-296 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda mil-lista tal-persuni, tal-gruppi u tal-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti ta' Politika Barranija

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, taħt l-intestatura "Persuni naturali", id-*data* tal-identifikazzjoni tal-entrata:

"Hamza Usama Muhammad bin Laden. Data tat-twelid: 9.5.1989. Post tat-twelid: Jeddah, l-Arabja Sawdija. Nazzjonalità:Sawdija. Informazzjoni oħra: (a) Iben Usama bin Laden (mejjet); (b) Imħabbar minn Aiman Muhammed Rabi al-Zawahiri bħala membru uffiċjali ta' Al-Qaida. Talab lis-segwaċi tal-Al-Qaida jagħmlu attakki terroristiċi. Huwa meqjus bħala s-suċċessur l-aktar probabbli ta' al-Zawahiri. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 28.2.2019."

tinbidel b'din li ġejja:

"Hamza Usama Muhammad bin Laden. Data tat-twelid: 9.5.1989. Post tat-twelid: Jeddah, l-Arabja Sawdija. Informazzjoni oħra: (a) Iben Usama bin Laden (mejjet); (b) Imħabbar minn Aiman Muhammed Rabi al-Zawahiri bħala membru uffiċjali ta' Al-Qaida. Talab lis-segwaċi ta' Al-Qaida jagħmlu attakki terroristiċi. Huwa meqjus bħala s-suċċessur l-aktar probabbli ta' al-Zawahiri. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 28.2.2019."